*Apprezzament*

# TISLIMA LIL MONS. PAUL CARUANA
## Kappillan ta' Ħad-Dingli (1964-1974)

Santa Marija Ħad-Dingli 150 Sena Fostna

**Nhar il-Ħamis, 7 ta' April, 2011, il-mota kiebja tat-trapass xerrdet l-aħbar li Mons. Paul Caruana, kappillan tal-parroċċa tagħna għal għaxar snin sħaħ kien ħalla dan il-wied tad-dmugħ. In-neputi tiegħu, SAVIO D. BORG, ifakkar il-memorja ta' kappillan li kif stqarr hu stess f'Ħad-Dingli għadda "l-isbaħ żmien ta' ħajtu u tal-ħidma saċerdotali tiegħu."**

Dun Pawl, kif kien magħruf, twieled nhar l-1 ta' Lulju, 1934, fin-Naxxar, iben Ġanni u Manwela née Sammut l-kbir fost disat aħwa (tnejn mietu f'età żgħira). Irċieva l-ewwel sagramenti fil-knisja ta' raħal twelidu. Wara li attenda l-iskola primarja tan-Naxxar, daħal il-Kulleġġ San Albertu il-Kbir, il-Belt Valletta. Minn hemm daħal l-Università Rjali ta' Malta fejn ħa l-Baċellerat fl-Arti u l-Liċenzjat fid-Divinità. Minn età żgħira ħass is-sejħa li jiddedika ħajtu lil Alla u daħal is-Seminarju Maġġuri biex jipprepara ruħu għas-saċerdozju.

Irċieva l-ordinazzjoni saċerdotali minn idejn l-Arċisqof Mons. Michele Gonzi nhar is-7 ta'April, 1962, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta flimkien ma' 27 djaknu ieħor fosthom ir-Rev. Peter Fenech mill-parroċċa tagħna.



*Mons. Paul Caruana (1934-2011)*

Wara l-ordinazzjoni tiegħu, ġie mibgħut fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ biex iservi bħala Viċi Arċipriet. Hemmhekk dam sentejn u kien maħbub u rispettat sew. Fl-10 ta' Mejju 1964, huwa ġie magħżul mill-Arċisqof Michele Gonzi biex ikun il-kappillan il-ġdid tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli; u hekk, kif stqarr kemm-il darba hu nnifsu bdew "l-10 snin li għaddejt fir-raħal sabiħ u kwiet ta' Ħad-Dingli, li jibqgħu minquxa f'moħħi u f'qalbi bħala l-isbaħ żmien tal-ħajja u l-ħidma saċerdotali tiegħi."

Mingħajr telf ta' żmien, fil-25 ta' Mejju, 1964, ġie joqgħod fil-kanonika flimkien mal-familja tiegħu. Fit-28 ta' Mejju mexxa l-ewwel festa, dik ta' Corpus Domini. Fil-31 ta' Mejju, 1964, ingħata l-pussess tal-parroċċa mill-Isqof Mons. Emanuel Galea. Bħala parrini kellu lir-Rev. Anton Muscat, predeċessur tiegħu, u lir-Rev. George Mercieca, saċerdot ħabrieki li kien iservi fil-parroċċa.

Parrokat ta' għaxar snin, hu wieħed mill-itwal parrokati tal-parroċċa tagħna. Kienu snin mqallba ħafna u ġabu magħhom bidliet kbar. Fost dawn, insibu t-tibdil kbir liturġiku fil-Knisja wara l-Konċilju Vatikan II, il-mod kif tiġi ċċelebrata l-quddiesa u l-għoti tas-sagramenti u l-involviment tal-lajċi fil-ħidma tal-Knisja. Il-kappillan Caruana kellu l-biċċa xogħol delikata li jimplimenta dan it-tibdil

mingħajr ħafna skossi żejda għall-komunità parrokkjali. Il-ħidma sfiqa pastorali kienet l-ikbar prijorità f'ħajtu.

Proġett li rabat ismu miegħu l-parrokat Caruana, bla dubju ta' xejn hu l-bini tal-koppla. Xogħol kbir li kien jinvolvi ħafna taħbit u spejjeż, imma bil-għajnuna t'Alla u tal-poplu li dejjem ikkontribwixxa kemm b'mod finanzjarju u kemm b'ħidma volontarja, din l-opra tlestiet ukoll. Wara ħames snin ta' ħidma, bejn l-1968 u l-1973, il-bini tal-koppla kien lest. Immedjatament inbeda x-xogħol marbut mad-dekorazzjoni minn ġewwa, biex b'hekk fid-9 ta' Awwissu, 1975, ġiet inawgurata mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Michele Gonzi.




*Fil-ġurnata li ngħata l-pussess bħala Kappillan ta' Ħad-Dingli*



*Isegwi mill-qrib il-proġett tal-bini tal-koppla*

Minbarra l-koppla, il-kappillan Caruana ħallielna l-innu li kull iben Ħad-Dingli verament jgħożż: l-Innu l-Kbir tal-Assunta li jindaqq lejliet u nhar il-festa titulari. Kien fi żmien il-kappillan Lanzon li nkiteb dan l-innu immortali; biss fil-bidu tal-parrokat Caruana, il-kappillan qaleb u adatta l-innu mit-Taljan għal Malti waqt li ħalla l-istess mużika tas-surmast Pacifico Scicluna. Innu ieħor li ħallielna l-kappillan Caruana hu l-Innu Ċiviku ta' Ħad-Dingli li nkiteb fl-1968 wara kompetizzjoni imnedija mill-Kumitat Ċiviku. Matul l-għaxar snin tal-parrokat Caruana, twaqqaf il-kor parrokkjali *Regina Coeli,* l-art tal-artali tal-kappelluni u ta' taħt in-navi inksew kollha bl-irħam abjad, sar stellarju tal-fidda għad-Duluri, inbena maħżen fuq is-sagristija, sar is-sett tal-kapep li jintużaw fil-festa titulari u bosta affarijiet oħra li mhux possibbli jissemmew kollha.

Il-kappillan Caruana kellu l-privileġġ li matul il-parrokat tiegħu, għall-ewwel darba fl-istorja tal-parroċċa, jidħlu fir-raħal tagħna, bil-barka tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi, żewġ kongregazzjonijiet

reliġjużi; dik Salesjana u dik tas-sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparizzjoni. Sfortunatament wara ftit snin, minħabba xi problemi li nqalgħu, is-sorijiet kellhom iħallu l-parroċċa tagħna. Biss il-Kongregazzjoni Salesjana kibret u bniet skola sekondarja u fetħet ukoll oratorju fil-qalba tar-raħal.

Fl-1974, il-kappillan Caruana ġie nnominat Arċipriet tal-parroċċa ta' raħal twelidu, in-Naxxar. Hemmhekk dam sal-1978. Proġett ambizzjuż li daħal għalih, kienet in-niċċa tal-Bambina, fuq disinn tal-artist Envin Cremona, meqjusa bħala waħda mill-isbaħ opri fl-injam li nsibu fil-gżejjer Maltin. Ma setax jonqos li l-imħabba lejn il-kant tħeġġu biex iwaqqaf il-kor tal-parroċċa *Iubilate Deo*. Wara għallem fis-Seminarju Minuri għal diversi snin kif ukoll kien jagħti lezzjonijiet tal-privat b'xejn. Serva għal diversi snin bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Mużikali *Peace* tan-Naxxar. Kellu mħabba kbira għal-lingwa Maltija u kiteb diversi poeżiji b'Malti mirqum. Fl-2002 il-Kunsill Lokali tan-Naxxar onorah b'Ġieħ in-Naxxar u fl-2007, il-Q.T.l-Papa Benedittu XVI, fuq rakkomandazzjoni tal-Arċisqof ta' Malta, għoġbu jaħtru, għal ħidma kbira tiegħu fil-Knisja ta' Malta, bħala *Cappellano di Sua Santità* bit-titlu ta' Monsinjur.

Matul ħajtu, il-kappillan Caruana refa' s-salib tal-mard b'rassenjazzjoni mal-volontà t'Alla. Fi kliem l-Arċipriet tan-Naxxar, il-Kan. Evan Caruana, li għamel l-omelija fil-funeral tal-kappillan Caruana, "Dun Pawl mexa mal-Mulej fit-triq tiegħu lejn Ġerusalemm u għalhekk fil-mumenti iebsin tiegħu, speċjalment waqt il-mard huwa ma ddiżorjentax ruħu, ma tfixkilx għaliex għaraf li hekk kif l-Imgħallem tiegħu għadda minn dik it-triq biex jasal għall-glorja, hekk kellu jagħmel hu d-dixxiplu tiegħu." Lejlet l-anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, il-Mulej sejjaħlu biex jagħtih il-premju mistħoqq għas-snin twal ta' ħidma fil-għalqa tiegħu. L-aħħar tislima lill-kappillan Caruana ngħatat nhar il-Ġimgħa 8 t'April, 2011, fil-knisja Arċimatriċi u Arċipretali tan-Naxxar u ndifen fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju tal-istess parroċċa.


*L-aħħar tislima lil Mons. Paul Caruana*

Jalla nieħdu l-eżempju tal-kappillan Caruana, u minkejja d-diffikultajiet u t-tfixkil li niltaqgħu miegħu, inkomplu mexjin fl-ħidma tajba tagħna. Kemm kienet f'lokha l-istqarrija kantata tad-Duttur tal-Knisja, Santa Tereża ta' Ġesù, waqt il-funeral, "Tħalli xejn ifixklek, tħalli xejn iħawdek, kollox jgħaddi ... Alla waħdu biżżejjed!" Insellmu lil dan il-kappillan benefattur benmeritu tal-parroċċa b'silta mill-innu ċiviku miktub minnu stess u jalla dak li kiteb hu naħdmu għalih u nikkonsevawh għal ġenerazzjonijiet futuri:

*Ħalli tibqa' din l-għanja għażiża,*
*Tidwi safja mal-mixja tas-snin,*
*Biex isaltnu l-imħabba u l-għaqda,*
*Għalenija fil-qlub tad-Dinglin.*